# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 28 ta' Marzu 2025**

**Nru:1**

**Rikors Nru. 122/2020**

## Robert Pace

**v**

## AirMalta Plc

Kopja Informali

**Daħla**

1. F'din il-kawża, ir-rikorrent, eks impjegat tas-soċjetà konvenuta, qiegħed jallega li fil-passi dixxiplinarji li s-soċjetà konvenuta ħadet kontra tiegħu fl-2019, is-soċjetà konvenuta ma mxietx mal-ftehim kollettiv jew kisret il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. B'konsegwenza tal-passi li ttieħdu kontrih, ir-rikorrent ġie trasferit f'dipartiment ieħor, u ġarrab danni materjali. Jgħid li hu ma kienx isofri danni li kieku l-kumpannija ma kisritx il-ftehim jew ma' naqsitx milli tosserva l-imsemmija prinċipji; u għalhekk qiegħed jitlob li l-kumpannija tinstab responsabbli għall-istess u, wara li jiġu llikwidati, li s-soċjetà konvenuta tiġi ordnata tħallashom lilu.

2. Is-soċjetà konvenuta tgħid li l-passi dixxiplinarji ttieħdu wara proċess dixxiplinarju esegwit minn Bord ta' Dixxiplina u Bord tal-Appell ta' Dixxiplina, li nħolqu skont it-termini tal-ftehim kollettiv u ddeċidew li r-rikorrent kien ħati ta' żewġ akkużi. Hija ssostni li l-qorti m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dawk ta' dawn il-bordijiet – li mxew mal-ftehim kollettiv u mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dawk emanenti mid-dritt ta'

smiegħ xieraq –speċjalment meta huwa l-kompitu tat-Tribunal Industrijali u mhux ta' din il-qorti biex jiddeċiedi każijiet bħal dawn.[1]

**Proċeduri dixxiplinarji**

3. Ir-rikorrent kien impjegat bħala '*Cabin Crew – Steward*' mas-soċjetà konvenuta. Fit-12 ta' Marzu 2019, il-kollega tiegħu, l-*istewardess* Sarah Attard għamlet rapport dwar ir-rikorrent, fejn allegat li r-rikorrent kien taha fastidju bl-imġieba tiegħu fuq it-titjira tal-4 ta' Marzu 2019 u fuq il-vjaġġ lura d-dar.

4. Wara li s-soċjetà konvenuta avviċinat lir-rikorrent u talbitu jipprovdi *statement* bil-miktub dwar l-allegazzjoni tas-sinjura Attard,[2] hija ħarġet*'Notice of Suspension'* u '*Letter of Charge*' fil-konfront tiegħu. Fin-*Notice of Suspension* datata t-28 ta' Marzu 2019, iffirmata mill-*Head of People and Industrial Relations* u c-*Chief Customer Experience Officer* tas-soċjetà konvenuta,[3] ir-rikorrent ġie informat li minħabba l-allegazzjoni li huwa għamel "unwarranted and inappropriate verbal and physical advances while working on flight KM 615 Fiumicino-Malta on the 4th of March 2019 as well as during the company's organised commute following the said shift," huwa kien qiegħed jiġi sospiż minn xogħolu b'effett immedjat. Sakemm kellhom jitlestew il-proċeduri dixxiplinarji, huwa kellu jitħallas "half basic pay" u dana skont l-artikolu 48.2 tal-ftehim kollettiv li ġie ffirmat bejn is-soċjetà konvenuta u l-*Union of Cabin Crew* fis-6 ta' Diċembru 2017 (il-'Ftehim Kollettiv').[4]

5. Fil-*Letter of Charge* tad-29 ta' Marzu 2019, ir-rikorrent ġie informat li kienu qiegħdin jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu abbażi tat-tliet akkużi segwenti:-

> "1. Gross misconduct at place of work;
> 2. Inappropriate behavior in respect of KM employee Ms. Sarah Attard on the 4th of March 2019 while working on flight KM615 Fiumicino-Malta and during the company's organised commute following the said flight;
> 3. Sexual harassment on KM employee Ms. Sarah Attard on the 4th of March 2019 while working on flight KM 615 Fiumicino-Malta and during the company's organised commute following the said flight."[5]

---

[1] Hemm talbiet oħra imma, kif ser naraw, dawn m'hemmx għalfejn jiġu meqjusa.
[2] Ara l-korrispondenzi elettroniċi li saru mis-soċjetà konvenuta f'paġni 128-136, u 375-384.
[3] Ara kopja tan-'*Notice of Suspension'* datata t-28 ta' Marzu 2019, f'paġna 5.
[4] Ara kopja tal-ftehim kollettiv bejn l-Air Malta Plc u l-*Union of Cabin Crew* iffirmat fis-6 ta' Diċembru 2017, f'paġni 203-262.
[5] Ara kopja tal-'*Letter of Charge*' datata d-29 ta' Marzu 2019, f'paġna 6.



Kopja Informali

6. Wara li ġie maħtur ic-Chairman Charles Cassar (bl-approvazzjoni tal-Union) biex jippresjedi l-Bord ta' Dixxiplina, tressqet eċċezzjoni preliminari min-naħa ta' Robert Pace, li sostna li l-modalità kif il-*management* tas-soċjetà konvenuta mexxa l-investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrent kienet tikser l-artikolu 48.2 tal-Ftehim Kollettiv viġenti. Huwa talab lill-Bord ta' Dixxiplina jiddikjara li kien hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv u biex b'hekk jiddikjara nulli u invalidi l-akkużi ta' kontra tiegħu. Il-Bord ta' Dixxiplina ċaħad din l-eċċezzjoni fid-deċiżjoni preliminari tal-20 ta' Mejju 2019 u ordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-każ.[6]

7. Il-Bord ta' Dixxiplina żamm ħames seduti bejn it-3 ta' Mejju u l-5 ta' Awwissu 2019. F'dawn is-seduti xehdu James Genovese (*Head of People & Industrial Relations*); Connie Calleja (*Driver CVS*); Sarah Attard (l-*istewardess* li ressqet l-allegazzjoni); Matthew Rosso (*Cabin Crew*); Abigail Vella (*Cabin Crew Team Management Executive*) kif ukoll ir-rikorrent.[7] Kemm is-soċjetà konvenuta kif ukoll ir-rikorrent kienu assistiti minn rappreżentanti legali. Tul parti mill-proċess tal-każ attendew rappreżentanti tal-*Union of Cabin Crew* bħala osservaturi. Wara li nstemgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Bord ta' Dixxiplina wasal għal deċiżjoni fuq il-meritu fl-20 ta' Mejju 2019, fejn sab lil Robert Pace ħati tat-tliet akkużi.[8]

8. Robert Pace eżerċita l-jedd mogħti lilu fl-artikolu 48.9 tal-Ftehim Kollettiv, u appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell ta' Dixxiplina. L-appell tiegħu tas-26 ta' Awwissu 2019 kien imsejjes fuq dawn l-aggravji:-[9]

a. Aggravju 1 – Nuqqasijiet proċedurali fil-proċess ta' kif tmexxew il-proċeduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina (inkluż in-nuqqas ta' traskrizzjonijiet tax-xhieda)
b. Aggravju 2 – Ksur tal-artikolu 48.2 tal-Ftehim Kollettiv, fir-rigward tal-investigazzjoni fuq l-akkużi ta' kontra Robert Pace
c. Aggravju 3 u Aggravju 4 – L-applikazzjoni ħażina tal-liġi partikolarment tal-artikolu 19(2) tal-Kap. 452 (li fissret li l-oneru ta' prova tpoġġa fuq Robert Pace meta kellu jitpoġġa fuq AirMalta Plc), kif ukoll tal-artikolu 638(2) tal-Kap. 9

---

6 Ara kopja tad-deċiżjoni preliminari tal-Bord ta' Dixxiplina tal-20 ta' Mejju 2019, f'paġni 8-9.
7 Ara t-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, f'paġni 146-202.
8 Ara kopja tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tal-20 ta' Mejju 2019, f'paġni 137-145.
9 Ara kopja tar-rikors ta' appell ta' Robert Pace tas-26 ta' Awwissu 2019, f'paġni 19-45.



Kopja Informali

d. Aggravju 5 – Nuqqas ta' raġunijiet suffiċjentament dettaljati għalfejn ġiet magħżula verżjoni ta' fatti u mhux oħra
e. Aggravju 6 u Aggravju 7 – Apprezzament ħażin tal-fatti nkluż nuqqas ta' konsiderazzjoni suffiċjenti taċ-ċaħda kategorika ta' Robert Pace u tan-nuqqas ta' kredibbilità ta' Sarah Attard

9. Fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tad-Dixxiplina tal-14 ta' Ottubru 2019, il-Bord tal-Appell ċaħad l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' aggravji ta' Robert Pace, mentri laqa' b'mod limitat it-tielet aggravju. Filwaqt li llibera lil Robert Pace mit-tielet akkuża dwar il-fastidju sesswali, il-Bord tal-Appell ta' Dixxiplina kkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina rigward l-ewwel u t-tieni akkuża (*gross misconduct* u *inappropriate behaviour).*[10]

10. Fil-15 ta' Novembru 2019, ġiet ikkomunikata lir-rikorrent id-'*Decision on Disciplinary Procedure'* cioè l-passi li s-soċjetà konvenuta ddeċiediet li tieħu wara s-sejbien ta' ħtija. F'din l-ittra r-rikorrent ġie informat li s-sospensjoni tiegħu "*on half pay"* kienet qiegħda tiġi kkonfermata sat-30 ta' Novembru 2019 u għall-perjodu tal-2019 li huwa ħadem huwa kien ser jieħu *"take home pay.... in line with your best year between the 2014 and 2017"*. Huwa ma tkeċċiex minn xogħolu; però ġie trasferit f'dipartiment ieħor fejn kien ser jibda jwettaq "*ground duties*" minflok.[11]

**Abbandun tax-xogħol**

11. Fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2019, Robert Pace talab li juża l-*leave entitlement* tiegħu minflok ma jirritorna għax-xogħol. Meta skaditlu l-*leave entitlement,* huwa talab li joħroġ fuq *unpaid leave* – liem talba ġie milqugħa mis-soċjetà konvenuta.[12]

12. Wara li skada l-perjodu ta' *unpaid leave,* ir-rikorrent ma reġax applika għal estensjoni ta' *unpaid leave*. Minħabba r-ristrutturar li kien qiegħed iseħħ fil-kumpanija, huwa ġie mitlub jirritorna għax-xogħol fi żmien xahrejn sabiex jibda jaħdem ta' *steward* kif kien jaħdem qabel il-proċess ta' dixxiplina. F'din il-korrispondenza tal-25 ta' Novembru 2021, huwa

[10] Ara kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tad-Dixxiplina tal-14 ta' Ottubru 2019, f'paġni 88-94.
[11] Ara kopja tad-'*Decision on Disciplinary Procedure'* tal-15 ta' Novembru 2019, f'paġna 50.
[12] Ara n-nota tas-soċjetà konvenuta bi spjegazzjoni tat-timeline ta' dak li wassal biex Robert Pace jiġi mwaqqaf mix-xogħol ta' *cabin crew* u ulterjorament dak li ġara vis-a-vis l-impjieg tiegħu, f'paġni 371-374, u l-korrispondenzi bejn ir-rikorrent u s-soċjetà konvenuta, inkluż l-ittra tal-25 ta' Novembru 2021, f'paġni 385-395.



Kopja Informali

ġie informat li f'każ li jekk ma kienx ser jmur lura, huwa kien ser jitqies li rriżenja mix-xogħol.

13. Robert Pace ma rritornax għax-xogħol kif ġie avżat li jagħmel u għalhekk ġie meqjus li abbanduna l-impjieg. Id-deċiżjoni li ħadet is-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward ġiet ikkonfermata mit-Tribunal Industrijali fid-deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2024.[13] Dan ifisser li anki jekk għandu raġun fl-ilment tiegħu dwar il-proċeduri kontrih, ir-raba' talba tiegħu ma tistax tintlaqa'.

**Azzjoni tar-rikorrent u r-risposta tas-soċjetà konvenuta**

14. Fit-12 ta' Frar 2020, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża. Fiha qed isostni li l-proċeduri ta' dixxiplina nkluż il-ħruġ tal-akkużi ta' kontra tiegħu saru bi ksur ta':- (a) il-Ftehim Kollettiv; u (b) tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Huwa qiegħed jitlob lill-qorti:-

i. Tiddikjara illi l-investigazzjoni u/jew l-processi ta' dixxiplina kontra l-attur kienu manifestament ingusti u fost ohrajn jiksru l-ftehim kollettiv u l-principji tal-gustizzja naturali kif u fejn applikabbli u in ogni caso jilledu d-drittijiet tal-attur ghal process ekwu u giust ta' investigazzjoni u dixxiplina.

ii. Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri ta' investigazzjoni u dawk ta' dixxiplina mehuda mill-kumpannija konvenuta kontra l-attur, inkluz mill-konkluzjonijiet tal-istess investigazzjoni u procedura ta' dixxiplina.

iii. Tiddikjara konsegwentament illi d-decizjoni mehuda mill-kumpannija intimata fii-15 ta' Novembru 2019 hija zbaljata, esagerata u in ogni caso skorretta u bi ksur tad-drittijiet tal-attur.

iv. Tordna lill-kumpannija konvenuta tpoggi lill-attur fi-istatus ta' impjieg li kien fiha mal-kumpannija konvenuta fil-mument precedenti ghall-ittra ta' sospensjoni tad-28 ta' Marzu 2019.

v. Tiddikjara illi bl-agir illegali u abbuziv tal-kumpannija konvenuta, hija ikkawzat u ghadha qed tikkawza danni ingenti lill-attur, mhux lanqas ftelf ta' intorju, paga, allowances u ohrajn.

vi. Tiddikjara lill-kumpannija konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur ai termini tar-raba' talba, mhux lanqas danni relatati ma' progression u entitlements ohra illi l-attur qed jitlef.

vii. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, kemm danni attwali konsistenti ftelf ta' introjtu u qliegh kif ukoll dawk futuri, jekk hemm bzonn okkorrendo l-hatra ta' perit komputista.

viii. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-attur d-danni hekk likwidati.[14]

[13] Ara s-sentenza tat-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xogħol bejn *Robert Pace vs Air Malta plc* (każ numru 4212/HW) tas-17 ta' Settembru 2024, f'paġni 204-209.
[14] Ara r-rikors ġuramentat ta' Robert Pace tat-12 ta' Frar 2020, f'paġni 1-4.

Kopja Informali

15. Fir-risposta ġuramentata tat-8 ta' Mejju 2020, is-soċjetà konvenuta twieġeb li:-

i. l-allegazzjonijiet dwar il-ksur tal-Ftehim Kollettiv u l-mod kif ġie esegwit il-proċess ta' dixxiplina jaqgħu fil-kompitu tat-Tribunal Industrijali u diġà ġew deċiżi mill-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell ta' Dixxiplina;

ii. l-allegazzjonijiet fir-rigward tal-ksur tal-prinċipji naturali għandhom jiġu indikati b'mod ċar u inekwivoku, u għandu jiġi indikat l-artikolu fil-liġi li jagħti l-poter lil din il-qorti biex tannulla proċeduri interni ta' dixxiplina;[15]

iii. anke fl-eventwalità li l-proċeduri ta' dixxiplina jiġu ddikjarati nulli, dan ma jfissirx li l-akkużi kontra r-rikorrent ma kienux fondati u li ma jimmeritawx konferma;

iv. is-soċjetà konvenuta dejjem imxiet b'rieda tajba u skont il-liġi u l-Ftehim Kollettiv, u għaldaqstant fi kwalunkwe każ trid tiġi ppruvata r-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta dwar id-danni mitluba.[16]

**Eċċezzjoni Preliminari: Kompetenza tal-Qorti**

16. Kif diġà ngħad, is-soċjetà konvenuta qiegħda teċepixxi l-inkompetenza *rationae materiae* tal-qorti. Skontha, il-qorti m'għandhiex il-kompetenza li tissindika proċeduri dixxiplinarji u allegazzjonijiet dwar ksur ta' ftehim kollettiv għaliex dawn jaqgħu fil-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.[17]

17. Il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali hija dik stipulata fl-artikolu 75 tal-Kap. 452, li jipprovdi li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeċiedi:-

> (a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;
> (b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta'tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u
> (ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,
> għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:
> Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.

[15] Fid-dawl tal-kjarifiki li saru fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' Robert Pace, il-qorti tqis li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata.
[16] Ara r-risposta ġuramentata ta' Air Malta plc tat-8 ta' Mejju 2020, f'paġni 56-61.
[17] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-soċjetà Air Malta p.l.c. f'paġni 188-201.



Kopja Informali

18. Fil-każ preżenti m'huwiex jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta (lanqas li saret '*constructive dismissal*'). Il-qorti qiegħda tiġi mitluba tiddetermina jekk fil-passi dixxiplinarji li hija ħadet kontra r-rikorrent, is-soċjetà konvenuta kisritx il-Ftehim Kollettiv jew naqsitx li timxi mal-prinċipji naturali ta' ġustizzja. B'hekk il-każ preżenti ma jaqax taħt is-sub-artikolu 75(a) tal-Kap. 452.

19. Lanqas ma jaqa' taħt iċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 75(b) tal-Kap. 452, li jagħti ġurisdizzjoni lit-Tribunal Industrijali biex jiddeċiedi talba dwar il-ħlas ta' somom dovuti mat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss.

20. L-artikolu 75(ċ) tal-Kap. 452 jagħti l-poter lit-Tribunal biex jiddeċiedi dawk il-każijiet imsemmija fit-Titolu I tal-Kap. 452, jew ir-regolamenti preskritti taħtu. Taħt it-Titolu I, it-Tribunal huwa mogħti l-ġurisdizzjoni biex iqis ilment li l-prinċipal jew il-kondizzjonijiet tal-impjieg jiksru l-artikolu 26 sa 29 tal-Kap. 452 – liem artikoli jikkonċernaw diskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi; xogħol ta' valur ugwali; vittimizzazzjoni u għoti ta' fastidju rispettivament. Apparti minn hekk, bis-saħħa tat-Titolu I, it-Tribunal għandu l-poter jisma' kawżi rigward tilwim ta' xogħol u għemejjel bil-ħsieb li jitmexxew 'il quddiem tilwim ta' xogħol, meta speċifikament indikat fil-Kap. 452.

21. L-ilment ta' Robert Pace ma jikkonċerna l-ebda waħda minn dawn il-kwistjonijiet, u għalhekk, ma jaqax taħt il-parametri tas-setgħat li t-Tribunal ġie mogħti f'Kap. 452. Tajjeb li ssir riferenza għal dak li qalet din il-qorti, presjeduta minn Imħallef ieħor, fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet *Karmenu Vella vs General Workers Union*:

> Għandu jingħad li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 452 ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu.

Kopja Informali

22. B'hekk ġaladarba li t-Tribunal m'huwiex mogħti s-setgħa li jiddeċiedi allegazzjoni bħal din, filwaqt li din il-qorti għandha l-poter li "taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali" skont l-artikolu 32(2) tal-Kap. 12, l-eċċezzjoni rigward l-inkompetenza qiegħda tiġi miċħuda.[18]

**In-nuqqas ta' parteċipazzjoni tac-COFO**

23. Fl-artikolu 48.2 tal-Ftehim Kollettiv jingħad:-

> "A full investigation of the circumstance will be carried out without unreasonable delay by the Chief Officer Flight Operations in liaison with the Officer in Charge of Human Resources."[19]

24. Ir-rikorrent qed jerġa' ilment li huwa kien ressaq, bħala eċċezzjoni, quddiem il-Bord ta' Dixxiplina; u li reġa' qajjem fl-istadju tal-appell. Huwa jallega li s-soċjetà konvenuta kisret l-artikolu 48.2 tal-Ftehim Kollettiv għaliex – kif ammess minn James Genovese fix-xhieda tiegħu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina – ic-*Chief Officer Flights Operations* ("COFO") ma kienx involut fl-investigazzjoni "minħabba s-sensittività tal-każ".[20]

*Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell ta' Dixxiplina*

25. Il-Bord ta' Dixxiplina, meta ġie biex jiddeċiedi din l-eċċezzjoni, ikkonsidra l-fatt li meta kien ġie negozjat u maqbul il-Ftehim Kollettiv, ic-COFO kellu responsabbiltajiet amministrattivi tal-*cabin crew* fil-mansjoni tiegħu (apparti r-responsabbiltajiet operazzjonali tal-istess grupp ta' impjegati). Sussegwentement, ir-responsabbiltajiet amministrattivi tal-istess grupp ta' impjegati daħlu fil-mansjonijiet tac-*Chief Customer Experience Officer* ("CCEO") – liema grad ma kienx jeżisti meta ġie negozjat u miftiehem il-Ftehim Kollettiv.

26. Il-Bord kien tal-fehma li l-iskop tal-klawsola 48.2 tal-Ftehim Kollettiv kien li l-investigazzjoni ma ssirx biss mill-persuna responsabbli mill-amministrazzjoni tal-*Cabin Crew* iżda f'koinvolġiment tal-persuna responsabbli tal-*human resources*. Peress li f'dan

[18] Jiġi osservat li l-kumpannija konvenuta ma ressqitx argument fis-sens li, bil-mod kif l-attur iddefenda ruħu quddiem l-organi dixxiplinari, hu qagħad għad-deċiżjoni tagħhom anki dwar il-kwistjoni ta' ksur tal-Ftehim Kollettiv. Għalhekk, dan il-punt ma tistax tqajjmu l-qorti.
[19] Ara kopja tal-ftehim kollettiv bejn l-Air Malta Plc u l-*Union of Cabin Crew* iffirmat fis-6 ta' Diċembru 2017, f'paġni 203-262.
[20] Ara kopja tad-deċiżjoni preliminari tal-Bord ta' Dixxiplina tal-20 ta' Mejju 2019, f'paġni 8-9.



Kopja Informali

il-każ kien hemm kooperazzjoni mill-impjegati responsabbli tat-tali funzjonijiet,[21] u l-investigazzjoni saret b'koinvolġiment tac-*CCEO*, tal-*Head of Cabin Crew & Inflight Service*, u tal-*Head of People & Industrial Relations*, huwa ma sabx ksur tal-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv. Dana speċjalment għaliex is-sitt artikolu tal-Ftehim Kollettiv jipprovdi li l-applikazzjoni tal-Ftehim Kollettiv "will be carried out by the Divisional Chief Officers in consultation with the Officer in Charge of Human Resource". [22]

27. Fir-rikors tiegħu quddiem il-Bord tal-Appell ta' Dixxiplina (liem rikors Robert Pace jagħmel riferenza għalih fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu),[23] ir-rikorrent ikkontesta l-interpretazzjoni li l-Bord ta' Dixxiplina ta lill-artikolu 48.2 tal-Ftehim Kollettiv, u sostna li l-artikolu għandu jiġi applikat b'dak li jgħid – jew litteralment. Il-Bord tal-Appell tad-Dixxiplina ċaħad l-aggravju bbażat fuq dan l-ilment b'vot maġġoritarju, u dana wara li sab li d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina kienet waħda bbażata fuq analiżi raġunata u li għalhekk ma kienx hemm bażi suffiċjenti għall-istess Bord tal-Appell biex jiddisturba l-konklużjoni tal-istess Bord tad-Dixxiplina fid-deċiżjoni preliminari tiegħu. Huwa qies ukoll li:-

> il-funzjoni ta' dixxiplina hija wahda li hija responsabbli taghha l-Kumpanija bhala Principal. L-ebda COFO, CCEO jew ufficcjal iehor ma' jirrispondi esternament ghad-decizjonijiet finali li tkun hadet il-Kumpanija. Tkun il-Kumpanija bhala entita' legali li tirrispondi u dan lil'hinn minn kull organigramma interna jew delega interna ta' funzjonijiet manigerjali. F' dan il-kaz jidher car li l-Kumpanija, permezz tal-Management taghha kif rapprezentata, kienet (u baqghet) ferma fid-decizjoni taghha tal-hrug tac-charges ghaliex hasset li minn l-investigazzjoni li saret kien opportun li dan isehh.[24]

*Sottomissjonijiet tal-partijiet*

28. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu,[25] ir-rikorrent jargumenta li s-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda jedd li effettivament tbiddel il-Ftehim Kollettiv unilateralment, u li l-parteċipazzjoni tac-COFO kienet meħtieġa sabiex l-akkadut jiġi korrettament investigat. Huwa jgħid li l-allegazzjoni ta' fastidju sesswali saret għaliex dakinhar tat-titjira huwa ġie f'kuntatt fiżiku ma' Sarah Attard b'mod aċċidentali minħabba n-nuqqas ta' spazju fuq l-

---

[21] Infatti l-*emails* li ntbagħtu sabiex jittieħdu l-istatements tal-impjegati konċernati kif ukoll tal-impjegati l-oħra li setgħu jixhdu fuq dak li ġara, saru minn Evan Cutajar (*Head of Cabin Crew and In-flight Service*) kif ukoll minn James Genovese (*Head of People & Industrial Relations*), filwaqt li l-ittra ta' sospensjoni ġiet iffirmata kemm minn James Genovese, kif ukoll minn Delia Hanlon (ic-CCEO).
[22] Ara kopja tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tal-20 ta' Mejju 2019, f'paġni 137-145.
[23] Ara kopja tar-rikors ta' appell ta' Robert Pace tas-26 ta' Awwissu 2019, f'paġni 19-45.
[24] Ara kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tad-Dixxiplina tal-14 ta' Ottubru 2019, f'paġni 88-94.
[25] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Robert Pace f'paġni 176-187.



Kopja Informali

ajruplan, u kien dan il-kuntatt fiżiku aċċidentali li wassal lil Sarah Attard biex tallega li "Mr Pace came out of the toilet grabbed me from behind and started to touch his private part with my buttocks."[26] Robert Pace isostni li s-COFO – li huwa wkoll pilota – seta' jifhem aħjar x'inhi d-dinamika bejn il-ħaddiema fuq ajruplan – fejn id-dimensjonijiet huma tali li huwa normali li żewġ persuni jaħbtu u jħokku ma' xulxin. B'hekk, kien minħabba li s-COFO ġie eskluż mill-investigazzjoni bi ksur tal-Ftehim Kollettiv, li s-soċjetà ħadet passi dixxiplinarji kontra tiegħu.

29. Fin-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tagħha, is-soċjetà konvenuta wieġbet li l-proċess dixxiplinarju – mill-investigazzjoni sal-Bord tal-Appell – twettaq b'integrità sħiħa għall-prinċipji tad-dritt u li d-deċiżjoni aħħarija ġiet ikkonfermata minn bordijiet magħmula minn persuni independenti u estranji għall-każ.[27] Is-soċjetà konvenuta iċċitat parti mix-xhieda ta' James Genovese, mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024, fejn skontha ġie kkonfermat li s-COFO kien fil-fatt ġie kkonsultat matul l-investigazzjoni.[28] Fl-aħħar nett, is-soċjetà konvenuta rreferiet għall-fatt li l-kwistjoni diġà ġiet deċiża mill-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell u għamlet riferenza għar-raġunament mogħti minnhom fid-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom.

*Jekk iċ-COFO ġiex ikkonsultat*

30. Tajjeb li jingħad li fix-xhieda li ssir riferenza għaliha mis-soċjetà konvenuta, cioè x-xhieda ta' James Genovese fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024, ma ntqalx li s-COFO kien involut fl-investigazzjoni li saret qabel il-ħruġ tal-akkużi, kif teċepixxi s-soċjetà konvenuta. Li qal James Genovese huwa li ċ-COFO kien involut u kkonsultat meta s-soċjetà konvenuta ġiet biex tieħu d-'*Decision on Disciplinary Procedure*':-

> **L-Imhallef Henri Mizzi**: ghax qabel kont qed tistaqsih dwar l--investigazzjoni. Issa qed nifhem sew, jew forsi qed nassumi li ssir qabel ma tohrog ic-charge ghax nahseb li qed titkellmu ftit fuq zewg stadji differenti, l-istadju tal-investigazzjoni u mbaghad hemm l-istadju fejn trid tiddeciedi inti wara d-decizzjoni finali tal-appell.
> [Omissis]
> **L-Imhallef Henri Mizzi**: Issa inti kont qed tistaqsih fl-ewwel fazi dwar l-investigazzjoni
> **Is-Sur Genovese:** Imbaghad staqsietni dwar konsultazzjoni
> **L-Imhallef Henri Mizzi**: Iva, ghalhekk waqqaftha!
> **Is-Sur Genovese**: Le fl-investigazzjoni ma kkonsultajtx. Ghalfen ghax il-COFO

[26] Ara l-istatement ta' Sarah Attard, f'paġna 376.
[27] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-soċjetà Air Malta p.l.c. f'paġni 188-201.
[28] Ara x-xhieda ta' James Genovese fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024, f'paġni 170a-170q.

Kopja Informali

> kien appunta din il-persuna u l-kumpannija kienet appuntat din il--persuna biex tkun hi c-Chief taghhom, sewwa?
> **L-Imhallef Henri Mizzi**: Igifieri inti fl-istadju investigattiv, mal-kollega tieghek, ic-Chief Flight Operations Officer ma kkonsultajtx, qed nifhem sewwa?
> **Is-Sur Genovese**: Le.[29]

31. Fil-fatt jiġi affermat minn James Genovese (*Head of People & Industrial Relations*), kemm fil-kors ta' din il-kawża, kif ukoll meta l-kawża kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Bord ta' Dixxiplina, li l-investigazzjoni saret minnu bil-kooperazzjoni tas-CCEO u tal-*Head of Cabin Crew & In-flight Service*, u li c-COFO ma kienx involut f'dan l-istadju.[30]

32. Meħud kont ta' dan, dak li jrid jiġi ddeterminat minn din il-qorti huwa għalhekk:- (a) jekk is-soċjetà konvenuta kellhiex il-jedd li twettaq it-tali bidla unilateralment jew inkella jekk din tammontax għall-ksur tal-Ftehim Kollettiv; (b) f'każ li jinstab li kien hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv f'dan ir-rigward, jekk dan iġibx miegħu l-effett li jannulla l-proċedimenti dixxiplinarji li ttieħdu kontra r-rikorrent. Fin-negattiv, x'inhu l-effett ta' dan il-ksur?

*Jekk kienx hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv*

33. Is-sur James Genovese xehed li l-bidla li wettqet is-soċjetà konvenuta fl-irwol tas-COFO, li permezz tagħha c-CCEO sar responsabbli tal-*cabin crew*, saret bil-kunsens taċitu tal-impjegati kif ukoll bl-approvazzjoni tal-*Union of Cabin Crew*. Huwa sostna fil-fatt li din il-bidla ġiet ikkomunikata lill-impjegati kollha permezz ta' avviż, u li peress li ħadd m'oġġezzjona għaliha - lanqas l-*Union of Cabin Crew* - dan kellu l-effett li jbiddel il-Ftehim Kollettiv.[31]

34. Fir-rikors tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell ta' Dixxiplina, ir-rikorrent għamel riferenza għal din il-komunika uffiċjali fejn ġie mħabbar dan it-tibdil, iżda qal li peress li din il-komunika ħarġet wara l-allegat inċident tal-4 ta' Marzu 2019, dan ma seta' jkollu l-ebda effett fil-konfront tiegħu.[32] Fir-risposta tal-appell, is-soċjetà konvenuta ikkonfermat li l-komunika uffiċjali saret fil-15 ta' Marzu 2019.[33] Għalkemm saret wara l-inċident, il-komunika saret qabel ma spiċċat l-investigazzjoni u qabel mas-soċjetà konvenuta ħarġet

Kopja Informali

---

[29] Ara x-xhieda ta' James Genovese fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024, f'paġni 170a-170q. Hawnhekk, il-qorti fehmet il-'le' tax-xhud bħala 'le ma kkonsultajtx', jew 'iva' għall-mistoqsija.
[30] Ibid.
[31] Ara x-xhieda ta' James Genovese fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024, f'paġni 170a-170q.
[32] Ara kopja tar-rikors ta' appell ta' Robert Pace tas-26 ta' Awwissu 2019, f'paġni 19-45.
[33] Ara kopja tar-risposta tal-appell ta' Air Malta p.l.c., f'paġni 95-100.

in-*Notice of Suspension* u l-*Letter of Charge* fit-28 u fid-29 ta' Marzu 2019 rispettivament. M'huwiex kontestat li l-*Union of Cabin Crew* ma qajmet l-ebda oġġezzjoni jew kontestazzjoni rigward il-bidla proposta u l-komunika uffiċjali.

35. Min jimpjega irid ikun f'pożizzjoni li jmexxi n-negozju, li jfisser li jrid ikun jista' jagħmel tibdil fl-istruttura tat-tmexxija. Dan, il-Ftehim Kollettiv jirrikonoxxih:

> "The management of the business and the authority to execute all the related activities, functions and responsibilities are vested only in the Company."[34]

36. Fi klawsola 15.1 tal-Ftehim Kollettiv, huwa imbagħad rikonoxxut li r-responsabbiltajiet tal-impjegati għandhom jiġu interpretati bi flessibilità optimali għall-bżonnijiet operazzjonali tas-soċjetà konvenuta.

37. Apparti minn hekk, huwa wkoll rikonoxxut fil-ġurisprudenza li fil-kors ordinarju tal-impjieg huwa "akkordat lil min iħaddem ċertu *ius variandi* fid-distribuzzjoni tal-mansjonijiet lill-impjegat anke diversi minn dawk li għalihom hu jkun ġie assunt."[35]

38. Għalhekk meta l-kumpannija għamlet it-tibdil fit-tmexxija, dan it-tibdil setgħet tagħmlu. Meta kkomunikat dan it-tibdil kif ingħad, dan kellu l-effett konsegwenzjali li varja l-Ftehim Kollettiv sabiex minflok ic-COFO, jiġi nkluż ic-CCEO fl-investigazzjoni taħt l-artikolu 48.2 tal-Ftehim Kollettiv.[36] Billi kien konsegwenzjali għall-eżerċizzju ta' dritt,[37] jew aħjar funzjoni, tal-kumpannija fl-interess tagħha li, għal dan il-għan, jinkludu dak tal-impjegati, irid jitqies li l-varjazzjoni kienet waħda li kienet impliċitamenat aċċettata li setgħet, anki kellha, ssir fil-Ftehim Kollettiv, miż-żewġ partijiet għalih.

39. Għalhekk il-qorti ma ssibx li l-kumpannija kisret il-Ftehim Kollettiv.

---

[34] Ara kopja tal-ftehim kollettiv bejn l-Air Malta Plc u l-*Union of Cabin Crew* iffirmat fis-6 ta' Diċembru 2017, f'paġni 203-262.
[35] *Richard Matrenza vs Joe Attard Kingswell nomine*, Qorti tal-Appell, deċiża 3 ta' Frar 1969.
[36] Dana speċjalment għaliex ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tal-*Union of Cabin Crew.* Ara, għal analiżi ta' sitwazzjoni simili, Selwyn, *Selwyn's Law of Employment* (19th Ed. OUP 2016) pg 109.
[37] Jista' anki jiżdied li t-tibdil kien indirett u mhux materjali.



Kopja Informali

**Nuqqasijiet proċedurali oħra**

*Sottomissjonijiet tal-partijiet*

40. Ir-rikorrent jallega li ma saritx *'full investigation'* skont il-Ftehim Kollettiv. Dan għaliex ma ġewx interrogati dawk kollha li kienu fuq it-titjira, Robert Pace ma ġiex mogħti d-dikjarazzjonijiet tax-xhieda kollha, il-fatti ma ġewx ivverifikati kontra provi oġġettivi, ma ngħatax widen biżżejjed lill-verżjoni ta' Robert Pace u ma nħariġx rapport bl-analiżi tal-fatti. Huwa jilmenta b'diversi irregolaritajiet proċedurali oħra u cioè li ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xhieda kollha, u li ma kienx hemm apprezzament tajjeb tal-provi.[38]

41. Is-soċjetà konvenuta twieġeb li l-investigazzjoni – u sussegwentement il-proċeduri quddiem il-Bordijiet – saru b'mod rigoruż u komprensiv u mxew b'konformità assoluta mal-Ftehim Kollettiv u mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Hija ssemmi li peress li l-akkużi kienu ta' natura serja u gravi, l-investigazzjoni ġiet riferita lil Bord ta' Dixxiplina, li seta' jagħti deċiżjoni indipendentement mill-*Management*.[39] Dan kif ġie spjegat fix-xhieda ta' James Genovese, li sostna d-determinazzjoni tas-sejbien tal-ħtija saret mill-Bord ta' Dixxiplina sabiex jiġu evitati kwistjonijiet ta' *bias*.[40]

*Analiżi tal-Qorti*

42. Peress li dawn m'humiex proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali il-qorti m'hijiex ser tidħol fil-kwistjoni tal-apprezzament tal-provi. Fir-rigward tal-allegati irregolaritajiet proċedurali l-oħra, il-qorti tinnota s-segwenti:-

    a. Li r-rikorrent ġie mgħarraf bl-akkużi kontra tiegħu kemm meta ġie mitlub jagħti *statement* kif ukoll meta ġie mgħarraf bin-'*Notice of Suspension*' u l-'*Letter of Charge*'. Meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, huwa ġie mgħarraf bir-raġunijiet dettaljati għalfejn il-Bord sabu ħati. L-istess ġara meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tad-Dixxiplina.
    b. Matul il-proċess dixxiplinarju, Robert Pace kellu l-opportunità li jtella' dawk ix-xhieda li qies li setgħu kienu ta' rilevanza u għalhekk m'huwiex fondat l-ilment tiegħu li ma ġewx interrogati x-xhieda kollha rilevanti. Fi kwalunkwe każ, jidher

[38] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Robert Pace f'paġni 176-187.
[39] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-soċjetà Air Malta p.l.c. f'paġni 188-201.
[40] Ara x-xhieda ta' James Genovese fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2023, f'paġni 412-420.



Kopja Informali

li s-soċjetà konvenuta tellgħet bħala xhieda l-impjegati kollha li setgħu raw jew semgħu xi ħaġa rigward dak li allegat Sarah Attard (ara paragrafu 7).

c. M'huwiex ċar għalfejn Robert Pace jilmenta li ma sarux traskrizzjonijiet tax-xhieda, meta jidher li dawn infatti saru u ġew esibiti fl-atti proċesswali. James Genovese xehed fid-19 ta' Mejju 2023 li wara s-seduti ntbagħtu t-*transcripts* liż-żewġ partijiet.[41] Huwa r-rikorrent stess li fl-affidavit tiegħu jilmenta li kien hemm dewmien bejn is-seduti tal-Bord ta' Dixxiplina sabiex jitlestew it-*transcripts* tax-xhieda.[42] Anke fl-eventwalità li dawn ma ngħatax lilu qabel ma ġie konkluż il-proċess tal-Bord ta' Dixxiplina, fid-deċiżjoni tal-Bord tal-20 ta' Mejju 2019, tingħata sintesi ta' dak kollu li qalu x-xhieda u għalhekk, fi kwalunkwe każ, Robert Pace kellu aċċess għal dak li qalu x-xhieda – u infatti jagħmel riferenza vasta għat-tali xhieda fir-rikors tal-appell tiegħu.

**Parti deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[41] Ara x-xhieda ta' James Genovese fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2023, f'paġni 412-420.
[42] Ara l-affidavit ta' Robert Pace f'paġni 421-431.



Kopja Informali